MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 36/1998/1

**Charles u Neville ahwa Zammit Tabona**

**vs**

**Alfrida Walker, Godfrey Gauci, Anthony Gauci, Monica Caruana, Paul Gauci, Maria Dolores sive Dorothy Formosa, Elizabeth Pace, Antoinette Ciantar, Edward Gauci u Rita Caruana**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Novembru, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimati l-fond adebit bhala hanut numru erba u ghoxrin (24), Locker Street – Sliema, bil-

kera ta’ sitta u ghoxrin lira ta’ Malta (Lm26) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza dovuta fl-1 ta’ Lulju, 1998.

Illi l-intimati uzaw il-fond xort’ohra milli ghall-iskop li gie lilhom mikri fis-sens illi dawn l-ahhar snin zammewh maghluq; b’hekk biddlu d-destinazzjoni u dana jintitola lis-sidien ta’ l-istess hanut jitolbu r-ripresa tal-istess.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett kollu illi dana l-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 24, Locker Street, Sliema bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra r-risposta

Illi preliminarjament in-nullita` ta’ rikors stante illi l-intimati jikru zewg fondi b’kirja unika u cjoe l-fond 23, Locker Street u l-fond No. 2 Dragut Street, Sliema versu l-kera unika ta’ hamsin lira fis-sena.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, m’huwiex minnu li l-esponenti biddlu d-destinazzjoni tal-fond u konsegwentement it-talba ta’ rikorrenti ghandha tigi michuda.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti u l-atti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Ra l-verbal tal-25 ta’ Settembru 2002.

Ikkunsidra,

1. Dan ir-rikors mexa kontestwalment mar-rikors numru 35B/98 li hu dwar il-fond 2, Triq il-Ponte ta’ Dragut Tas-Sliema. Mir-ricevuti esebiti mill-intimati jirrizulta li z-zewg fondi huma l-oggett ta’ kirja wahda. Dan jghidu wkoll ir-rikorrent Charles Zammit Tabona (fol 17).

"Il-lokazzjoni in kwistjoni saret ghall-habta ta' l-ahhar tas-snin erbghin jum bidu tas-snin hamsin u kienet saret mill-papa` tieghi li kien jismu Arthur Zammit Tabona u gie mikri lil Edmond Gauci li huwa missier l-intimat. Kien krielhom hemm il-hanut (24, Locker Street, Tas-Sliema) u hemm il-garage (2, Triq il-Ponta ta' Dragut Tas-Sliema)".

2. Il-fondi jinfdu ma' xulxin. Il-Periti (fol 31) jghidu li sar "ghamla ta' bieb fil-bejt ta' l-appogg … …".

3. Jirrizulta li hemm 'si tratte' ta' kirja wahda. L-intimati eccepew in-nullita` tar-rikors ghax huma "jikru zewg fondi b'kirja unika". La dawn iz-zewg rikorsi imxew kontestwalment bi qbil bejn il-partijiet il-Bord jidhirlu li ghall-ekonomija tal-gudizzju m'ghandux jilqa' din l-eccezzjoni u ghalhekk qed jichadha.

4. Ir-rikorrenti jirreferu ghall-fond bhala 'garage' u "l-intimata uzaw il-fond xort'ohra milli ghall-iskop li gie lilhom mikri".

5. Il-kelma 'garage' li dahlet fl-ilsien Malti mill-Ingliz tista' tfisser hafna affarijiet. L-importanti hu l-ftehim bejn il-partijiet. Dan il-post qatt ma ntuza biex fih jitqieghdu karozzi. Jirrizulta li kien mahzen, fond fejn tinzamm merkanzija. Mahzen biex jintuza mhux bilfors jinfetah kuljum. Aktarx li zmien twil ilu f'dan il-fond kienet tinzamm merkanzija li kellha x'taqsam max-xoghol ta' hajjat. Meta l-fond l-iehor beda jintuza bhala mahzen, dan baqa' jintuza ghall-istess ghan. Li seta` gara li tbiddlet is-sura tal-merkanzija u bdiet tintuza vettura biex tingarr il-merkanzija. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza fl-istess ismijiet moghtija llum dwar il-fond 24, Locker Street, Tas-Sliema fejn gie mfisser fid-dettal x'gara dwar l-uzu tal-fond l-iehor fejn tirrizulta akkwiexxenza (seta wkoll sar ftehim) da parti tas-sid/sidien. Barra hekk dan il-fond qatt ma kien 'maghluq' kif jinghad fir-rikors. Fih dejjem inhaznet u ghada tinhazen merkanzija kif jirrizulta mill-provi u mir-rapport tal-periti.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom."

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti b'aggravju konsimili ghal dak minnhom sottomess fil-kawza fl-istess ismijiet (Rikors Numru 35/98).

Effettivament fiz-zewg proceduri bi qbil bejn il-partijiet (ara verbal tat-18 ta' Novembru 1998 a fol 9) il-provi rakkolti kellhom jghoddu ghaz-zewg kawzi.

B'mod partikolari, imbaghad, in kwantu jikkoncerna l-fond meritu tal-istanza u appell odjern jirrizulta illi dan il-fond minn dejjem jidher li gie adebit ghal uzu ta' "store". Ara in partikolari d-deposizzjonijiet ta' Paul Gauci u tax-xhieda minnu prodotti, inter alia, Doreen Nickles, Patricia Izzo li xehdu fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2002.

Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod terga' tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet fil-kawza l-ohra deciza llum u billi dawn 'mutatis mutandis' japplikaw ghall-fatti tal-kaz de quo taghmel biss semplici referenza ghalihom.

Taggungi biss illi, kif korrettement rilevat mill-Bord, s-semplici deskrizzjoni ta' fond bhala "garage" ma jfisserx illi l-uzu li jsir fih hu dak mifhum fil-parlata komuni in kwantu l-istess deskrizzjoni tigi spiss uzata ghal fond li jkun mikri ghal skopijiet diversi ("**Rosina Gulia –vs- Emanuel Cassar**", Appell, 18 ta' Mejju 1970). "B'mod illi, jekk fond jinkera bhala hanut xejn ma jiswa illi fl-ircevuti jigi ndikat bhala garage ("**Giuseppe Said –vs- Paolo Catania**", Appell, 23 ta' Mejju 1960). Dan ighodd ukoll anke fil-kaz ta' store anke jekk dan barra l-magazzinagg tal-merkanzija jintuza ghall-vettura li titrasporta l-istess merkanzija ("**John Gauci –vs- Victor Borg noe**", Bord li Jirregola l-Kera, 3 ta' April 1975).

Dan premess, il-Qorti toqghod fuq il-konkluzjoni gja minnha raggunta fl-appell l-iehor bejn l-istess partijiet.

Ghal dawn il-motivi anke dan l-appell interpost mir-rikorrenti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------